Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 685/2011AE

**Joseph Vella**

**Vs**

**Steel Structures Company Limited**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-19 ta' Lulju 2011, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi r-rikorrent hu mpjegat mas-socjeta' intimata, li taghmel xoghol ta' strutturi tal-hadid;*

*2. Illi fit-30 ta' Jannar tas-sena 2009, ir-rikorrent kien gie inkarigat mis-socjeta' intimata sabiex flimkien ma' tlett haddiema ohra tas-socjeta' intimata, imur jahdem f'post maghruf bhala Dr. Adrian Garden Centre, Nigret, Limiti tar-Rabat (Malta), fejn kien hemm struttura tal-hadid mghottija bil-perspex, li kien inqalalha parti mis-saqaf tal-perspex. L-inkarigu li nghata r-rikorrent mis-socjeta' intimata kien illi hu u l-haddiema l-ohra kellhom jibdlu l-perspex li kien inqala';*

*3. Illi ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (2pm) tal-jum imsemmi, waqt li r-rikorrent kien diga' tela' fuq is-saqaf ta' din l-istruttura sabiex jahdem u kien wasal biex jinzel lura minn fuq is-saqaf tal-istess struttura, is-sellum li kellu jinzel bih izzerzaq b'mod u manjiera li r-rikorrent waqa' gholi ghal isfel, u korra serjament;*

*4. Illi b'konsegwenza ta' dan il-korriment, ir-rikorrent sofra griehi serji u dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu, skont ma ser jirrizulta mix-xhieda u r-rapport tal-konsulent ortopediku Mr. Anthony Bernard li kkura lir-rikorrent wara dan l-incident, filwaqt li r-rikorrent sofra wkoll danni ohra skont ma ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz;*

*5. Illi dan l-incident sehh unikament b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tas-socjeta' intimata li wkoll naqset li tosserva l-obbligu impost fuqha mil-ligi li bhala principal tizgura ambjent ta' xoghol hieles mill-perikoli ghall-haddiema, u naqset milli zzomm a safe working environment;*

*6. Illi s-socjeta' intimata giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, l-attur talab li l-qorti:-

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent fit-30 ta' Jannar tas-sena 2009, billi dan l-incident sehh b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tal-istess socjeta' intimata li wkoll naqset li tosserva l-obbligu impost fuqha mil-ligi*

*li bhala principal tizgura ambjent ta' xoghol hieles mill-perikoli ghall-haddiema, u naqset milli zzomm a safe working environment;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konnsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-16 ta' Settembru 2011, is-socjeta' konvenuta wiegbet:-

*1. Illi l-incident li gara fit-30 ta' Jannar, 2009, riferenzjat mir-rikorrent, ma garax kif qieghed jallega l-istess rikorrent ghaliex is-socjeta' esponenti naqset milli tipprovdi 'a safe working environment', izda b'rizultat tan-nuqqas ta' hsieb u tat-tehid ta' prekawzjonijiet normali da parti tar-rikorrent innifsu.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

1. Il-kawza titratta incident li sehh waqt il-hin tax-xoghol. L-attur, impjegat tal-kumpannija konvenuta kien qieghed jahdem fuq is-saqaf ta' struttura li tidher fir-ritratti a fol. 28-31 f'post bl-isem *Dr Adrian Garden Centre*. Jirrizulta li waqt li l-attur kien wasal fit-tarf tal-istruttura biex jinzel minn sellum li kien hemm jistrieh maghha, zelaq u waqa' bejn wiehed u iehor gholi sular.

2. **Responsabbilta**.

   2.1 Fil-kors tal-gbir tal-provi sar hafna enfazi dwar jekk il-haddiema kellhomx *scaffolding* biex jahdmu. Filwaqt li l-attur qal li ma kienx hemm, Wendy Dimech u Ivan Cini[1] qalu li kien hemm. Ivan Cini zied li l-iscaffolding kien thalla fil-post meta l-ahhar kien sar xoghol f'dak is-sit fi zmien meta minn gewwa Dr Adrian Garden Centre kien ghadu jopera negozju. Sahansitra kompla li wara li tlesta x-xoghol thalla fil-post u sa fejn jaf hu kien ghadu hemm (seduta 9 ta' Jannar 2015). Verzjoni li ghall-qorti m'hiijex kredibbli. Ix-xhud ma ta l-ebda raguni valida ghalfejn dan l-apparat thalla fil-post wara li kien tlesta x-xoghol u baqa' hemm ghal tul ta' zmien. Il-qorti hi tal-fehma li x-xhud m'huwiex kredibbli. F'kull kaz jekk fil-post kien hemm verament scaffolding m'hemmx prova li dan kien addattat meqjus it-tip ta' struttura li fuqha kien qieghed isir ix-xoghol. Inoltre, xehedu wkoll Robert Saliba u Giorgev Hristov[2] li dakinhar tal-incident kienu qeghdin jahdmu flimkien mal-attur. Hadd minnhom ma qal li fil-post kien hemm *scaffolding*. Madankollu fil-fehma tal-qorti l-incident ma garax minhabba li ma kienx hemm scaffolding meta tqies li x-xoghol kien qieghed isir fuq is-saqaf tal-istruttura.

[1] Tal-ewwel financial officer tas-socjeta konvenuta u l-iehor direttur.
[2] Seduta tat-12 ta' Dicembru 2011.

2.2 Il-principal ghandu obbligu li jipprovdi lill-haddiema b'ambjent ta' xoghol sigur. F'dan ir-rigward il-Legislazzjoni Sussidjarja 434.18 (*Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xoghol*) timponi obbligi fuq il-principal ntizi sabiex il-haddiema jahdmu f'ambjent fejn is-sahha u s-sigurta tigi salvagwardjata. Fiha nsibu dmirijiet tal-principal (Regolament 4 u 5), htiega li l-principal ikollu persuna li tassistih fit-tehid ta' mizuri mehtiega fejn tidhol protezzjoni tas-sahha u sigurta' u prevenzjoni tar-riskji (Regolament 9), obbligu fuq il-principal li jaghmel evalwazzjoni tar-riskji (Regolament 10) u ohrajn. L-employers ghandhom jifhmu li dawn ir-regolamenti m'humiex xi *guidelines* imma ligi li kull wiehed minnhom ghandu l-obbligu li josservahom.

2.3 Kien id-dmir tal-principal li qabel jibda x-xoghol jippjana kif kellu jsir ix-xoghol u jara x'prekawzjonijiet kellhom jittiehdu sabiex il-haddiema ma jkunux esposti ghall-periklu. Is-socjeta konvenuta ma tatx prova li dan sar[3]. Fic-cirkostanzi l-principal m'ghandux ragun ighid li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' hsieb u tehid ta' prekawzjonjiet mill-attur[4].

2.4 Ghalkemm il-konvenuta ressqet provi biex turi li l-konvenut kien *foreman*, m'hemmx prova li kellu xi dmirijiet relatati mal-*health and safety* tal-impjegati[5]. L-attur stess xehed li qatt ma nghata tahrig f'din il-materja. F'kull kaz il-qorti ma tifhimx kif inghad li l-attur kien *foreman* meta rrizulta li kien qieghed jaghmel l-istess xoghol bhall-haddiema l-ohra.

2.5 F'dan il-kaz ma kienx hemm ilqugh mal-gnub tas-saqaf li fuqu kien qieghed jahdem l-attur u zewg haddiema ohra. Kif jidher mir-ritratti s-saqaf ma kienx catt u fil-hin tal-incident kienet ix-xita. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm ghodda li tippermetti lill-haddiem li jintrabat waqt li jkun qieghed jahdem fuq dan is-saqaf. M'huwiex id-dmir tal-qorti li tidentifika x'mizuri kellha tiehu s-socjeta konvenuta fl-interess tas-sahha u sigurta tal-attur u shabu. Dak hu dmir tal-principal impost b'ligi. Li hu zgur

[3] Ghalkemm ix-xhud Kurt Cini qal li gurnata qabel beda x-xoghol Alfred Ellul, direttur tal-konvenut, u l-attur marru *"…. jaraw flimkien biex jiddeciedu x'ser isir"*, din m'hijiex prova sufficjenti. Il-konvenuta kellha d-dmir li tressaq l-ahjar prova, cjoe' Alfred Ellul. F'kull kaz l-attur xehed li kien biss dakinhar tal-incident li kien infurmat li kellu jmur jahdem fil-post fejn sehh l-incident.

[4] Twegiba guramentata a fol. 9.

[5] Ara per ezempju kopja ta' affidavit li pprezentat ix-xhud Wendy Dimech. Affidavit tal-attur li fl-ewwel paragrafu jaqra: *"Illi jiena ilni mpjegat mas-socjeta konvenuta Steel Structures ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u nahdem bhala Foreman"* (fol. 136). Min-naha l-ohra f'dokument iehor (WD4, fol. 139) li pprezentat l-istess xhud, jinghad li hu 'welder'. Dan apparti li x-xoghol li kien qieghed jaghmel dakinhar tal-incident ma jindikax li l-attur kien foreman.

hu li l-konvenuta ma wettqitx l-obbligi taghha. L-attur u shabu intbaghatu jahdmu f'ambjent ta' periklu car minghajr ebda direzzjoni min-naha tal-principal u wisq inqas prekawzjoni. Il-konvenuta ma ghamlet xejn sabiex tipprevjeni l-periklu manifest li kien hemm ghall-haddiema waqt li kienu jahdmu fuq is-saqaf. Fic-cirkostanzi s-socjeta konvenuta trid twiegeb ghad-danni li sofra l-attur. Alfred Ellul xehed li kien tal-fehma li lill-attur *'stmajnieh mill-ahjar'* meta zammewh fl-impjieg bl-istess salarju minkejja li jaghmel *light duties*. Fil-fehma tal-qorti dan kien l-inqas li setghet taghmel il-konvenuta wara li esponiet lil dan il-haddiem ghal dak it-tip ta' riskju u periklu li wassal ghall-incident li bidillu hajtu f'eta' ta' 47 sena.

3. **<u>Danni</u>**.

3.1 L-incident sehh fit-30 ta' Jannar 2009 meta l-attur kellu 47 sena[6]. Mid-data tal-incident ghaddew kwazi 7 snin u llum l-attur ghandu 54 sena.

3.2 Skond rapport ta' perit addizzjonali, l-attur qieghed isofri minn debilita permanenti ta' **18%** (fo. 101). Fir-rapport jinghad:

*"is-Sur Vella garrab ksur ikrah fis-sieq ix-xellugija. Dan affettwa l-gog tal-ghaksa wkoll. Minkejja aktar minn operazzjoni wahda, l-ghadma m'ghaqditx dritt ghal kollox. Barra minn hekk il-gog tal-ghaksa ibbies (ankylosis) tant li bilkemm ghandu caqliq fih. Jidhrilna li dal-gog ser jibqa' iebes sahansitra jekk jitnehha l-metall li hemm fl-ghadma. Tassew li r-riskju ta' infezzjoni jonqos xi ftit jekk jitnehha l-metall, izda l-operazzjoni biex dan isir ghandha r-riskji taghha wkoll (infezzjoni, nuqqas ta' fejqan tal-ferita, ksur mill-gdid). Barra minn hekk kull operazzjoni li jista' jaghmel is-sur Vella 'l quddiem that loppju generali, iggib maghha riskju ftit akbar ta' trombozi u pulmonary embolus"*.

Fir-rigward tal-kundizzjoni medika tal-attur xehed ukoll il-psikjatra Dr Etienne Muscat (ara wkoll rapport tieghu datat l-1 ta' Novembru 2010 a fol. 32). Mid-data tal-incident ghaddew kwazi seba' snin. Dr Muscat xehed li s-sahha mentali tal-attur giet 'il quddiem ghalkemm ghadu jiehu pilloli li tindirizza l-istat ta' ansjeta, nuqqas ta' rqad u depressjoni. Ovvjament wiehed jistenna li persuna li tkun ghaddiet minn esperjenza bhal dik bil-konsegwenzi li gabet maghha, ser ikollha diffikulta taccetta r-realta. Pero' hu evidenti li f'dan il-kaz il-problema principali hi d-debilita fizika li ghandu l-attur, u l-qorti ser tillikwida d-danni fuq dik.

---

[6] Twieled fl-20 ta' Marzu 1961.

3.3 L-attur baqa' jahdem mal-konvenut pero' wara li rritorna lura ghax-xoghol kellu jinghata xoghol differenti li fizikament ma jkunx ta' strapazz.

3.4 Fl-affidavit l-attur qal li qieghed jippretendi li jithallas ukoll is-somma ta' **€29,980.20,** *"… rapprezentanti telf ta' overtime u leave mehud minn wara li gie wtilizzat is-sick leave, sakemm domt rikoverat minhabba l-korriment li sofrejt b'konsegwenza tal-incident mertu tal-kawza u ma stajtx nidhol lura fuq il-post tax-xoghol".* Pero ma spjegax kif wasal ghal dik ic-cifra. L-attur kellu l-obbligu jaghti prova xi dhul tilef bhala sahra matul is-sena li ghamel ma jmurx ghax-xoghol minhabba l-griehi li sofra[7]. Prova li ma saritx.

3.5 Matul is-sena 2008 l-attur kellu qliegh ta' €26,237 filwaqt li l-incident sehh fit-30 ta' Jannar 2009. Fis-sena 2007 il-qliegh kien ta' €23,195. Jirrizulta wkoll li qabel sehh l-incident l-attur kien qieghed jahdem is-sahra[8]. Dhul minn sahra m'huwiex garantit gialadarba jsir skond 'l bzonn. M'hemmx provi cari dwar id-dhul li l-attur kellu mis-sahra. Madankollu Alfred Ellul, direttur tas-socjeta konvenuta, ikkonferma li wara l-incident l-attur ma baqax jaghmel sahra. Ix-xhud ikkonferma li fis-sena 2011 l-attur kellu dhul inqas mis-sena 2008 minhabba li fl-2011 ma hadimx sahra (fol 61E). Il-qorti tinnota li d-dokumenti li pprezentat il-konvenuta dwar il-qliegh huma tali li kellu jinghata iktar taghrif. Il-qorti kienet tippretendi li ghal kull sena kellu jigi dikjarat b'mod car x'kien is-salarju tal-attur flimkien ma' rendikont dettaljat tal-kumplament tad-dhul dikjarat fid-dokumenti. Hekk ukoll kien floku li l-konvenuta tintalab taghti taghrif dwar qliegh li haddiema ohra, li kienu jahdmu tip ta' xoghol bhal dak li kien jaghel l-attur qabel l-incident, kellhom minn sahra li ghamlu wara d-data tal-incident. Hekk biss wiehed seta' jkun jaf dwar qliegh li l-attur effettivament tilef. Il-partijiet m'ghandhomx jippretendu li l-qorti toqghod taghmel ezercizzji matematici a bazi ta' dokumenti li ma gewx spjegati. Sfortunatament hi prassi komuni li l-partijiet 'jitfghu' fil-process kwantita' ta' dokumenti minghajr spjegazzjoni u bl-ideja li *'imbaghad tara l-qorti'*. Atteggament zbaljat. Per ezempju fil-kaz in ezami l-qorti kienet tippretendi li l-attur kellu jipprezenta prospett dettaljat tad-danni li jippretendi u mbaghad il-konvenuta taghti l-kummenti taghha. Ezercizzju li sabiex isir m'ghandux bzonn li jkun hemm ordni ta' qorti.

---

[7] L-attur xehed: *"Ukoll, b'konsegwenza tal-korriment li sofrejt, domt tnax-il xahar ma stajtx nidhol ghax-xoghol…. Niftakar li jien irritornajt lura x-xoghol ghall-habta ta' Jannar tas-sena 2010…"* (fol. 23).

[8] Ara per ezempju dokumenti a fol. 128 u 129 li jirrelataw ghad-dhul li l-attur kellu matul is-snin 2007 u 2008.

3.6 Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti ser tikkalkola d-danni hekk:-

€24,000 dhul kull sena[9] x 12 il-sena = €288,000 x 18% debilita' = €51,840 – 10% lump sum payment[10] = **€46,656**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attur u:-**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitta u erbghin elf sitt mija u sitta u hamsin ewro (€46,656).**
2. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitta u erbghin elf sitt mija u sitta u hamsin ewro (€46,656), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

Anthony Ellul.

[9] Gialadarba ma tressqux provi dwar id-dhul minn sahra li kellhom kollegi tal-attur minn wara l-incident, il-qorti ser taghmel il-kalkoli a bazi ta' qliegh ta' €24,000 kull sena meqjus id-dhul li kellu l-attur matul is-sentejn qabel l-incident (fol. 107). Il-qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni 'l fatt li l-ammont ta' sahra li haddiem jaghmel ivarja minn sena ghall-ohra. Min-naha l-ohra f'kaz bhal dan is-sahra ghandha titqies fil-likwidazzjoni tad-danni gialadarba l-attur ma setax jaghmilha minhabba li l-griehi li sofra u jidher li kien hemm l-opportunita' li jahdem is-sahra kieku baqa' jaghmel l-istess .

[10] Mid-data tal-incident diga' ghaddew kwazi seba' snin u l-kalkoli qeghdin isiru fuq multiplier ta' 12 il-sena. Ghalhekk hu gust li t-tnaqqis ghal lump sum payment ikun biss ta' 10%.